# FIL-QORTI ĊIVILI – SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## ONOR. IMĦALLEF

## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

**Illum, l-Erbgħa, 10 ta' Lulju, 2024**

**Kawża Nru. 3**

**Rik. Nru. 1/2024 ISB**

**Reġistratur tal-Kumpaniji**

**vs**

**X**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors tar-Reġistratur tal-Kumpaniji mressaq fid-9 ta' Jannar 2024 u li permezz tiegħu huwa talab lil din il-Qorti sabiex :

> *A bażi tal-artikolu 429(1) tal-imsemmi Att, ir-Registratur titlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna l-istralc tal-affarijiet ta' din is-socjeta' kummerċjali, skond id-dispozizzjonijiet ta' dan l-att dwar stralc mill-Qorti, u li tahtar, meta jkun mehtieg, strlcarju jew stralcarji jew li tissostitwixxi stralcarju jew stralcarji eżistenti biex jiffinalizzaw dan l-istralc.*

U dan wara illi ġie premess :

> *Illi r-Registratur irċeviet formoli ghar-registrazzjoni relatati mal-kumpannija The County Developments Company Limited (C 2296). Illi din il-kumpannija*

> *kienet issottomettiet id-dokumentazzjoni relatata max-xoljiment taghha, bir-resoluzzjoni mehuda nhar is-17 ta' Lulju 1984 (DOK A).*
>
> *Illi peress illi din il-kumpannija ilha fi stat ta' xoljiment minn qabel ġiet fis-sehh l-Att dwar il-Kumpaniji u ghaldaqstant ġiet xjolta taht il-provvedimenti u r-regolamenti tal-Commercial Partnerships Ordinance 1962.*

Rat id-digriet tagħha tat-12 ta' Jannar 2024 u li permezz tiegħu l-proċedura ġiet appuntata għat-23 ta' Frar 2024.

Rat in-nota tar-Reġistratur rikorrenti tat-22 ta' Frar 2024 minn fejn jirriżulta illi l-fatti kif dikjarati fir-rikors gew ikkonfermati u li perezz tagħha ddikjarat illi ma kienx hemm aktar provi x'jiġu prodotti.

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta' Frar 2024 minn fejn jirriżulta illi deher l-Avukat Dottor Reuben Balzan li kien ta ruħu b'notifikat għan-nom tal-istralċarju attwali Dr Darren Carabott u rtira seduta stante kopja tar-rikors promotur.

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta' Mejju 2024 minn fejn jirriżulta illi deher l-istralċarju Dr Darren Carabott li kien għarraf lill-Qorti illi huwa kien ser jibqa' jokkupa l-kariga ta' stralċarju tal-kumpannija The County Developments Company Limited.

Rat illi f'dik is-seduta, stante d-dikjarazzjoni hekk magħmula da parti ta' Dr Darren Carabott, ir-Reġistratur rikorrenti talab lill-Qorti tgħaddi għall-provvediment.

Rat illi r-rikors tħalla għal-lum appuntu sabiex jingħata tali provvediment.

**Ikkunsidrat:**

Illi dan ir-rikors tressaq mir-Reġistratur ai termini tal-Artikolu 429(1) tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta, li jgħid espressament hekk:

> *(1) Ix-xoljiment ta' soċjetà kummerċjali li jseħħ qabel, mas-sitt xhur jew fi żmien sitt xhur mill-jum stabbilit għandu wara l-jum stabbilit, ikompli jkun skont id-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza u l-istralċ li jirriżulta wara ta' dik is-soċjetà kummerċjali għandu jkun regolat skont hekk:*
>
> *Iżda, jekk wara li jgħaddi ż-żmien ta' sentejn imsemmi fl-artikolu 428(4), l-isem ta' kull soċjetà kummerċjali li għalih japplika dan is-subartikolu ma jkunx għadu tħassar mir-reġistru, ir-Reġistratur jista', f'kull żmien wara, jagħmel rikors lill-qorti li tordna li l-istralċ tal-affarijiet ta' dik is-soċjetà kummerċjali għandu, minn dak il-ħin 'il quddiem, ikun skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att dwar stralċ mill-qorti, u li taħtar, meta jkun meħtieġ, stralċjarju jew stralċjarji jew li tissostitwixxi stralċjarju jew stralċjarji eżistenti biex jiffinalizzaw dak l-istralċ.*

Il-Qorti tqis illi fil-każ in eżami, jirriżulta illi l-istralċ tas-soċjeta` The County Development Company Limited (C 2296) kien inbeda bil-preżentata tan-*notice of dissolution* tas-17 ta' Lulju 1984, u kwindi ai termini tar-regim kif regolat bil-Commercial Partnerships Ordinance 1962.

Tqis ukoll illi ai termini tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Reġistratur rikorrenti irċieva *notice of appointment of liquidator* ai termini tal-Artikolu 2901(1) tal-KAP 386, datata 14 ta' Lulju 2020, fejn kien ġie dikjarat illi kien ġie appuntat bhala likwidatur Dr Darren Carabott.

Tqis ukoll illi l-imsemmi Dr Darren Carabott deher fis-seduta tal-24 ta' Mejju 2024 u ddikjara illi huwa kien ser jibqa' jokkupa l-kariga ta' stralċarju tal-kumpannija The County Development Company Limited (C 2296).

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi ma jirriżultax illi isem is-soċjeta' The County Development Company Limited (C 2296) ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji u peress illi għadda ukoll il-perjodu preskritt bl-Artikolu 428(4) tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta, allura l-Qorti ma tarax għalfejn ma għandhiex tilqa' t-talba li qed issirilha.

**GHALDAQSTANT**, għar-raġunijiet hawn fuq premessi, il-Qorti qed tgħaddi sabiex tilqa' t-talba tar-Reġistratur rikorrenti u filwaqt illi tikkonferma lill-Avukat Dr Darren Carabott bħala stralċarju tas-soċjeta' The County Development Company Limited (C2296), tordna illi l-istralċ jitmexxa u jiġi kondott ai termini tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta, senjatament id-dispozizzjonijiet ta' dan l-Att dwar 'stralċ mill-qorti' (Kapitolu XII Sub-Titolu I).

Spejjeż ta' din il-proċedura għar-Reġistratur rikorrenti.

**Ian Spiteri Bailey**
**Onor. Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**